**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**
**Spettur Stacy Attard**
**vs**
**Anthony Cassar**

**Distrett Rabat**

**Illum 27 ta' Jannar, 2020**

Il-Qorti,

Rat lil Anthony Cassar, detentur tal-karta tal-identita' numru 155061(M):

Akkuzat talli nhar is-27 ta' Ottubru, 2018 ghall-habta tat-08:15am gewwa Misrah il-Parrocca, ir-Rabat, Malta:

1. Kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, storbju jew glied
2. U aktar talli nsulenta, ingurja jew hedded bi kliem jew b'mod iehor lil Lawrence Caruana.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tapplika Artikolu 383 u Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-harsien ta' Lawrence Caruana.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti u cioè affidavit ta' PS 163 Robert Azzopardi u l-verbal u x-xhieda ta' Sr Loreta Galea, Sr Rosanna Gauci u Cettina Attard mehudin minn Dr Mattia Felice mmarkati bhala Dok MF2.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil Dr Mattia Felice, Father Martin Borg, Jonathan Farrugia u Lawrence Caruana.

Semghet ix-xhieda tad-Difiza u cioe' lil Fr Anthony Cassar.

**PS 163 Robert Azzopardi**, fl-affidavit jghid li nhar is-27 ta' Ottubru 2018 kien mar Lawrence Caruana jirraporta gewwa l-Ghassa tar-Rabat li huwa kien mar ghal funeral fil-Knisja ta' San Pawl ir-Rabat meta kien mar fuqu l-Arcipriet ta' Bormla certu Fr Anthony Cassar li beda jghajjru giddieb minhabba li kien mar jirraportah lill-Isqof. PS 163 kompla jghid li fil-11 ta' Novembru 2018 kien kellem lil Fr Anthony

Cassar fejn dan stqarr li dakinhar Caruana beda jevitah u kien mar fuqu isaqsih x'mar jigdeb fuqu mal-Isqof, fejn dan beda jghajjru giddieb u Fr Cassar kien wiegbu li giddieb huwa hu.

**Sr Loreta Galea**, fix-xhieda taghha tghid li nhar is-27 ta' Ottubru 2018, fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' San Pawl ir-Rabat, kien inqala argument bil-kliem bejn l-Arcipriet Fr Anthony Cassar u Lawrence Cassar fejn dawn ghajjru lil xulxin u kien intqal kliem bhal "giddieb". Sr Galea tghid ukoll li huma u Lawrence kienu fuq iz-zuntier qabel gie l-Arcipriet u li l-Arcipriet kien qalilhom sabiex jibqghu hemm bhala xhieda.

**Sr Rosanna Gauci**, fix-xhieda taghha tghid li kienu fejn il-Knisja ta' San Pawl u l-Arcipriet Fr Anthony Cassar sejjah lil Lawrence Caruana biex ikelmu u qallu biex meta jghid xi haga lill-Arcisqof jghid il-verita'. Hija ziedet tghid ukoll li l-kelma "giddieb" qalha l-Arcipriet. Hija kompliet tghid li Lawrence kien wiegbu lura imma tafx x'kien qallu ghaliex huma kienu rtiraw lura. Meta mistoqsija hija nnegat li l-Arcipriet kien qalilhom sabiex jibqghu fil-post bhala xhieda.

**Cettina Attard**, fix-xhieda taghha tghid li kienu ftit 'il boghod mill-Knisja ta' San Pawl tar-Rabat, meta gie l-Arcipriet u qal lil Lawrence "prosit ghalik Lawrence, int giddieb". Hija tghid li ma tafx dan kif irreagixxa jew x'qal.

**Dr Mattia Felice,** jghid li huwa kien iffissa seduta sabiex jisma' x-xiehda ta' diversi xhieda gewwa l-kunvent tal-Ursolini f'Bormla. Huwa kien hejja rapport u gie prezentat u mmarkat bhala dok MF 2.

**Father Martin Borg**, jghid li nhar is-27 t'Ottubru kien mar flimkien ma' l-Arcipriet Anthony Cassar u s-Sagristan gewwa r-Rabat sabiex jattendu ghal quddiesa tal-funeral ta' omm l-Arcipriet tar-Rabat. Huwa zied jghid li meta kienu dehlien mal-genb tal-Knisja ta' San Pawl gewwa r-Rabat, kien hemm l-imputat Lawrence Caruana u fl-istess hin l-imputat Anthony Cassar ghajjat lil Lawrence Caruana. Huwa sema lill-imputat Anthony Cassar jghid lil Lawrence Caruana ghala mar jigdeb fuqhu mal-Arcisqof u f'ebda hin ma kien hemm ghajjat bejniethom imma kien diskors normali. Minn naha tal-imputat Lawrence Caruana rrispondieh li kien hu giddieb

**Jonathan Farrugia**, jghid li huwa flimkien mal-imputat Anthony Cassar u Patri Martin Borg kienu marru gewwa l-Knisja ta' San Pawl fir-Rabat. F'hin minnhom l-imputat Anthony Cassar mar fuq l-imputat l-iehor u qallu ghalfejn kien gideb mal-Arcisqof. Huwa sema lill-imputat Lawrence Caruana jwiegeb lil Anthony Cassar li kien hu l-giddieb u beda jirrabja.

**Father Anthony Cassar**, jghid li fis-27 t'Ottubru 2018 kien flimkien ma' Patri Martin Borg u Jonathan Farrugia minhabba koncelebrazzjoni ta' funeral ta' omm l-Arcipriet tar-Rabat. Waqt li kienu dehlien mill-bieb tal-genb, lemah lill-imputat Lawrence Caruana jitkellem ma' zewg sorijiet rah li kien se jitlaq u ghajjatlu li ried ikellmu. L-imputat Anthony Cassar staqsieh ghala kien gideb fuqhu mal-Arcisqof u ftit wara l-imputat Lawrence Caruana irrispondieh li kien giddieb hu u beda jghajjat fejn wiegbu li kien giddieb hu. Wara ftit l-imputat Cassar dahal gewwa s-Sagristija u d-diskors waqaf hemm.

**Lawrence Caruana**, jghid li fis-27 t'Ottubru 2018 kien fuq iz-zuntier tal-knisja u kif lemah lill-imputat Cassar riesaq lejh prova jevitah. L-imputat Anthony Cassar gie fuqhu u qallu ghalfejn kien gideb fuqhu mal-Arcisqof ghax kien irrapurtah fuq xi haga. Huwa hassu intimidat minn dak li qallu u ghalhekk mar jaghmel rapport mal-Pulizija. Huwa qal li kien ma kienx qieghed jghid il-verita u mhux li uza diskors li kien giddieb. Illi skont id-diskors li qal l-imputat Cassar li mhux qallu jekk kienx gideb mal-Arcisqof fuqhu izda li kien l-akbar giddieb gewwa Bormla. Huwa qal li dak il-hin kien hemm l-ghajjat u mhux kif qalu x-xhieda l-ohra li d-diskors kien wiehed normali. Huwa semma li l-impuata Cassar gie fuqhu biex jipprovokah u reagixxa ghal dak li qallu imma ma kienx hu li provokah.

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**
Il-fatti ta' dan il-kaz jirrigwarda kummenti li ntqalu bejn Anthony Cassar u Lawrence Caruana. Illi jidher li Lawrence Caruana kien ghamel rapport kontra l-imputat Anthony Cassar, li huwa Arcipriet, mal-Arcisqof. Minn naha tal-imputat Cassar hass li dak li kien qal Lawrence Caruana kien gideb fuqhu mal-Arcisqof. Illi kif l-imputat Cassar ra fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' San Pawl gewwa r-Rabat lill-*parte civile* Lawrence Caruana mar fuqhu u qallu ghala kien gideb fuqhu mal-Arcisqof. Ghalkemm il-*parte civile* prova jevitah xorta lahqu u qallu dan id-diskors. Illi ghalkemm kien hemm diversi xhieda fuq il-post, kien hemm divergenzi ta' dak li qalu li semghu meta kienu fuq il-post. Illi jidher li kemm Patri Martin Borg u Jonathan Farrugia qalu li ma kienx hemm ghajjat imma li l-imputat Cassar staqsa ghalfejn kien gideb fuqhu lil Lawrence Caruana. Illi l-kelma giddieb kien qalha l-*parte civile.* Xhieda ohrajn bhal Cettina Attard tghid li kien l-Arcipriet Cassar li ghajjar lil *parte civile* giddieb. Ghalkemm xhud iehor Suor Rosanna Gauci tghid li semghet il-kelma giddieb izda ma semmiet xejn aktar fuq id-diskors li ntqal. Minn naha l-ohra Suor Loreta Galea qalet li l-Arcipriet Cassar mar fuq il-*parte civile* u qallu x'mar jghid mal-Arcisqof. Kienu fil-fatt it-tnejn li huma li bdew jitghajjru u uzaw kliem bhal giddieb. Illi minn naha tal-*parte civile* Lawrence Caruana cahad li b'xi mod ghajjar giddieb lill-imputat izda huwa rreagixxa ghal dak li hass bhala intimidazzjoni minn naha tal-imputat Cassar.

**Ikkunsidrat:**
Illi mid-diversi xhieda li nstemghu minn din il-Qorti hemm fatt li huwa cert u cioe' li l-kliem giddieb instema u ntqal bejn il-partijiet. Ghalkemm il-persuni involuti nnegaw li qalu dan id-diskors fil-konfront ta' xulxin. Illi pero mid-diversi xhieda hemm minnhom li qalu li semghu lill-*parte civile* jghid u juza l-kliem giddieb filwaqt ohrajn jghidu li kienu t-tnejn u cioe' l-imputat u l-*parte civile* li qalu dan id-diskors. Illi ghandu jinghad li huwa ta' ghajb ghal dak li gara fuq iz-zuntier tal-Knisja meta nies li huma Religjuzi spiccaw jinfexxu jitghajjru u dan qabel ma dahlu jikkoncelebraw f'quddiesa ta' funeral ta' omm Arcipriet iehor. Illi bla dubju ta' xejn minn dak li qalu d-diversi xhieda il-Qorti temmen li kienu z-zewg persuni involuti f'dan il-kaz li uzaw il-kliem giddieb li gew indirizzati lil xulxin. Illi jibqa' ghalhekk jekk kienx hemm ghajjat ukoll bejn il-partijiet fil-mument li kienu qieghdin hdejn xulxin. Illi jidher li hawn hemm divergenza bejn ix-xhieda li kien hemm prezenti. Illi z-zewg xhieda li kienu mal-imputat Cassar qalu li d-diskors kien normali u ma kienx hemm ghajjat izda fl-istess waqt Patri Martin Borg qal li huwa beda jiddejjaq u resaq l'hemm fil-mument li kien ghaddej dan id-diskors.  Anki l-istess suor Rossana Gauci qalet li resqu l'hemm meta kien ghaddej id-diskors ta' bejn il-partijiet sabiex ma jkunux parti minn dak li kien qieghed jigri.

**Ikkunsidrat:**
**L-ewwel imputazzjoni**
Illi l-ewwel imputazzjoni hija dwar il-ksur tal-paci pubbliku b'ghajjat u storbju skont l-artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi jinghad li din il-kontravenzjoni fis-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs Joseph Spiteri, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ippreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar l-24.5.1996:

> *"Ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali u cjoe', r-reat ta' ksur volontarju tal-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku javvera ruhu meta jkun hemm dak li fil-common law Ingliza jissejjah "a breach of the peace". Din il-kontravvenzjoni tissussisti meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumnita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' propjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. Ghal dak li hu inkonvenjent ikkagunat minn hsejjes u storbju, il-ligi taghna tipprovdi disposizzjonijiet ohra bhal, per ezempju, l-artikolu 338 (m)."*

Fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Paul Busuttil" [23.6.1994] imbaghad gie ritenut li din l-ekwiparazzjoni ta' dan ir-reat mal-kuncett Ingliz ta' "breach of the peace" tirrisali ghal zmien Sir Adriano Dingli li proprju f' kawza deciza minnu fl-10 ta' Gunju, 1890, fl-ismijiet "Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et." kien qal hekk :-

> "Che il buon ordine e la tranquillita' pubblica sta nella sicurezza , o nella opinione ferma della sicurezza sociale , -- nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all' autorita' pubblica , sia degli individui stessi fra loro , e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica , o della sicurezza individuale , e' violazione dell' ordine pubblico , independentemente dalla perpetrazione di altro reato." (Kollez. Vol. XVII, p.47, 475).

Fl-istess sentenza ta' Paul Busuttil gew citati b'approvazzjoni McCall Smith u Sheldon li, fil-ktieb taghhom "Scots Criminal Law" (Edin. Butterworths, 1992) , jghidu :-

> *"The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by the Courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be "alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace". Alarm may now be too strong a term: in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused "concern" on the part of policemen at whom it was directed." (p.192) .*

u dik il-Qorti ziedet tghid li :-

> *"Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x' jammonta jew x' ma jammontax f' kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz , Gerald H. Gordon , fit-test awtorevoli tieghu "The Criminal Law of Scotland" (Edinburgh, 1978):*
> *"Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case , and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application." (p.985,para.41-01).*

U aktar 'l quddiem l-istess awtur jghid :-

> *"…although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance ." (p.986, para. 41-04).*

Illi mix-xhieda mghotija ta' Fr Martin Borg qal li d-diskors kien normali u ma kienx hemm storbju. Waqt li Jonathan Farrugia semma biss li l-*parte civile* kien irrabjat izda ma qalx li kien hemm xi storbju. Anki x-xhieda l-ohra hadd minnhom ma' semma li kien hemm xi storbju ta' ghajjat bejn il-partijiet. Ghalkemm il-partijiet kienu fuq z-zuntier tal-Knisja u cioe' f'post pubbliku u ghalkemm jirrizulta li l-partijiet bdew jillatikaw ma jirrizultax li l-imputat kiser il-paci pubblika u l-bon ordni, ghalhekk mhux qed jinstab hati ta' din l-imputazzjoni fil-konfront tieghu.

**It-tieni imputazzjoni**

Illi dwar it-tieni imputazzjoni u cioe' li l-imputat Anthony Cassar insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor, mix-xhieda mghotija minn Fr Martin Borg u Jonathan Farrugia li kienu flimkien mal-imputat, hareg li kien il-*parte civile* li beda jghid li Anthony Cassar kien giddieb. Illi skont il-verzjoni ta' dawn it-tnejn ma kienx hemm kliem iehor uzat u d-diskors kien wiehed normali. Ghalkemm Jonathan Farrugia jghid li l-*parte civile* beda jirrabja u jghajjar lill-imputat giddieb. Meta xehed l-imputat qal li kull

ma' ghamel kien li mar fuq Lawrence Caruana ghax ried biss ikellmu minhabba li skont hu kien gideb fuqhu mal-Arcisqof. Minn naha tal-*parte civile* Lawrence Caruana meta xehed innega li kien ghajjar lill-imputat giddieb u kien Anthony Cassar li gie jghajjat. Huwa kien qallu li mhux qieghed jghid il-verita'. Minn naha l-ohra xehdu tlett persuni ohra li kienu prezenti waqt dan l-incident. Dak li qalet suor Loreta Galea semmiet li kienu t-tnejn li ghajjru lill-xulxin giddieb. Ghalkemm suor Rosanna Gauci qalet li l-kelma giddieb qalha l-imputat. Ghalkemm il-*parte civile* Lawrence Caruana irrispondieh ma tafx ezatt x'qal. L-istess Cettina Attard ikkonfermat li kien l-istess imputat li ghajjar lill-*parte civile* giddieb izda ma kenitx taf jekk fil-fatt kienx irrisponda lura lil Anthony Cassar. Illi bla dubju ta' xejn il-kelma giddieb intuzat mill-imputat fil-konfront tal-*parte civile* Lawrence Caruana. Illi pero mix-xhieda mghotija kienet biss suor Loreta Galea li semghet ukoll lill-imputat juza l-kelma giddieb meta bdew jghajjru lil xulxin. Anki l-istess Fr Martin Borg semma li l-*parte civile* uza l-kliem giddieb fil-konfront tal-imputat. Illi ghalhekk mill-provi jirrizulta li l-imputat insulenta lil Lawrence Caruana meta ghajjru li huwa giddieb. Illi ghalhekk il-Qorti qieghda ssibu hati ta' din il-kontravvenzjoni.

**Decide:**
Ghaldaqstant wara li din il-Qorti rat l-artikoli 338 (dd), 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tillibera lill-imputat **Anthony Cassar** mill-ewwel (1) imputazzjoni filwaqt li ssibu hati tat-tieni (2) imputazzjoni u tikkundannah amenda ta' tmienja u hamsin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (Eur 58.23).

Inoltre l-Qorti wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat **Anthony Cassar**, b'garanzija personali taht penali ta' elf Ewro (€1000) ghal zmien sena fil-konfront ta' Lawrence Caruana.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**